**Lil ħabibi Joe il-bandist**

L-Imgħallem riedna niltaqgħu
Mat-tlajja' w l-inżul tal-ħajja,
Riedna nibdew vjaġġ ta' tama
Qalb kull riħ li hemm f'kull ġrajja.

Mal-medda tal-jiem sirt nafek
Ħlewwietek għal dejjem se ngħożż,
Għax int Joe b'imħabbet qalbek
Fis-skiet għallimtni kif inħobb.

Il-preżenza siekta tiegħek
Għallmittni wisq valur is-smiegħ,
Għax jekk lilu aħna nwarrbu
Mhux f'gaġġa ngħixu minnufih?

Imma int ta' għalliem għaref
Li l-ħajja għaraft hekk tgħixha,
Għallimtna nikkunsidrawha
Hi li hi, għalhekk wisq sbejħa.

Tgħallimt li int kont bandist prim
Kemm nimmaġina lil ħajtek
Sinfonija b'noti ħelwa
Kollha mħabba bil-wisq rajtlek.

Il-ħniena kbira li kellek
Imżejna ħafna bit-tjieba,
Missitli qalbi, għenitni
Biex l'Alla nitlob b'indiema.

U dik l-umiltà sabiħa
Li tfajtli f'qalbi x'ħin żortok,
Flimkien mat-tbissima tiegħek
Li fis-sewwa o kemm tolqtok.

Għax Joe int, raġel tas-sabar
Li ħabbejt lill-għeżież tiegħek,
Tajthom l-aħjar ta' dak li int
Tibqa' tgħożżhom dejjem miegħek.

Għalhekk issa li s-Surmast ġie
U sejjaħlek fuq il-pjanċir,
Ħalli fil-banda tiegħu ddoqq
l-isbaħ innu għax hu sinċier.

Dak tas-sebħ li hemm fis-sema
U li ħiereġ minn ġo fommok,

Hu talbek Joe hawn għalina
Kif għallmitek ‘t-twajba ommok.

Niżuk ħajr Joe ta’ ħlewwietek
Ta’ qalbek kbira li kebbist,
B’imħabbtek għal Pawlu tagħna
Dejjem f’qalbna Joe il-bandist.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta’ Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.